BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 01/2010**

**Jannar – April 2010**

L-aħħar stqarrija dwar l-istatistika monetarja maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta tkopri l-perijodu minn Jannar s'April 2010. Il-firxa fuq perijodu akbar saret sabiex l-informazzjoni ppubblikata dwar data monetarja u żviluppi marbuta magħha tkun aġġornata għal dik l-aħħar disponibbli. L-istqarrijiet ta' kull xahar jerġgħu jibdew mill-aħħar tax-xahar b'analiżi tal-iżviluppi monetarji f'Mejju.

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji Maltin (IFM) għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'EUR237.5 miljun, jew 2.8%, matul l-ewwel erba' xhur tal-2010, biex laħqet EUR8.8 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tiegħu saret waħda pożittiva u telgħet għal 3.0% f'April 2010 minn -1.4% f'Diċembru 2009.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) għola b'EUR253.7 miljun, jew 5.8%, matul il-perijodu kopert, l-aktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight*. Dawn żdiedu b'EUR249.4 miljun, jew 6.7%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u minn individwi. Id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro żdiedu wkoll għalkemm b'ammont kunsiderevolment iżgħar. Sadanittant, il-flus maħruġa żdiedu b'EUR4.2 miljuni, jew 0.7%. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 żdiedet għal 15.6% minn 13.2% f'Diċembru.

Matul il-perijodu l-komponent monetarju intermedju (M2) kiber b'EUR237.2 miljun, jew 2.7% hekk kif it-tkabbir qawwi fl-M1 ittaffa bi tnaqqis żgħir fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Dawn tal-aħħar naqsu b'EUR15.5 miljun, jew 0.4%. F'din il-kategorija d-depożiti ta' residenti Maltin ċkienu b'7.2% matul is-sena s'April meta mqabbla ma' tnaqqis aktar qawwi ta' 13.1% matul it-tnax-il xahar sa Diċembru. Fil-frattemp, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas urew titjib żgħir.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti Maltin kibru b'EUR258.5 miljun matul l-ewwel erba' xhur tal-2010. B'riżultat t'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom fil-fatt tjiebet għal 3.2% minn -1.3% erba' xhur qabel. Din il-bidla rriflettiet tnaqqis aktar moderat fid-depożiti fissi li jistgħu jinfdew b'avviż ta' sentejn jew anqas. Żieda fid-depożiti *overnight* ikkontribwiet ukoll.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber b'EUR257.0 miljun, jew 2.7%, bejn Diċembru 2009 u April 2010. Is-self lill-gvern ġenerali kien jammonta għall-biċċa l-kbira taż-żieda, b'żieda ta' EUR141.8 miljun hekk kif żdied l-ammont ta' stokks tal-gvern miżmum mill-banek. Fl-istess ħin, is-self lil residenti barra s-settur tal-gvern ġenerali wassal għal żieda ta' EUR115.2 miljun wara li żdied is-self lil individwi (għal xiri ta' djar) u lis-settur tat-trasport, ħażna u komunikazzjoni. Madankollu, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lil residenti Maltin ċkienet għal 8.5% minn 9.0% erba' xhur qabel.

Is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro kiber b'EUR480.0 miljun matul il-perijodu ta' erba' xhur hekk kif banek lokali kabbru l-bilanċi miżmuma f'titoli ta' self maħruġa minn gvernijiet tal-kumplament taż-żona tal-euro kif ukoll kabbru l-ammont ta' self mogħti lil intermedjarji finanzjarji mhux bankarji residenti band'oħra fiż-żona tal-euro.

Kumplessivament, is-self totali lil residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR737.0 miljun matul il-perijodu kopert.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR1.1 biljun, jew 15.8%, matul l-erba' xhur tal-2010. L-attività minn bank ġdid kellha impatt kbir fuq dawn l-iżviluppi f'Marzu 2010. Żieda fit-titoli ta' self maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro u miżmuma minn banek residenti flimkien ma' żieda fis-self mogħti lil banek barra ż-żona tal-euro għolliet l-assi esterni ta' banek residenti. Din pattiet għal żieda li kien hemm fl-obbligazzjonijiet tagħhom f'forma ta' aktar depożiti fissi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji barra ż-żona tal-euro.

Bejn Diċembru 2009 u l-aħħar t'April 2010, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kibru b'EUR1.6 biljun, jew 13.8%. Prinċipalment dan ġara minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-banek li huma marbuta fit-tul. B'mod partikolari, l-għoti ta' liċenzja lil bank ġdid kif imsemmi aktar qabel ġab miegħu żieda qawwija fil-kapital tal-banek residenti.

Rigward ir-rati tal-imgħax tal-banek matul il-perijodu eżaminat, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset b'4 punti bażi, biex għalqet 1.40% f'April, filwaqt li r-rata tal-imgħax applikabbli għal self żdiedet b'punt bażi għal 4.47%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Diċ-09 | Jan-10 | Frar-10 | Mar-10 | Apr-10 | Bidla Apr-10 fuq Diċ-09 | Bidla Percentwali Apr-10 fuq Diċ-09 | Apr-09 | Bidla Annwali Apr-10 fuq Apr-09 | Bidla Percentwali Apr-10 fuq Apr-09 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,359.5** | **4,386.6** | **4,415.5** | **4,425.8** | **4,613.2** | **253.7** | **5.8** | **3,989.8** | **623.4** | **15.6** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 639.8 | 636.7 | 635.9 | 637.8 | 644.0 | 4.2 | 0.7 | 605.2 | 38.8 | 6.4 |
| Depożiti *overnight*[4] | 1.2 | 3,719.8 | 3,749.9 | 3,779.6 | 3,788.0 | 3,969.2 | 249.4 | 6.7 | 3,384.6 | 584.6 | 17.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,633.6 | 3,650.2 | 3,678.6 | 3,688.4 | 3,869.9 | 236.3 | 6.5 | 3,307.6 | 562.3 | 17.0 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,671.1** | **8,846.6** | **8,702.0** | **8,720.8** | **8,908.3** | **237.2** | **2.7** | **8,682.4** | **225.9** | **2.6** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,359.5 | 4,386.6 | 4,415.5 | 4,425.8 | 4,613.2 | 253.7 | 5.8 | 3,989.8 | 623.4 | 15.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 111.7 | 111.6 | 111.7 | 110.4 | 110.7 | -1.0 | -0.9 | 110.4 | 0.3 | 0.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 111.6 | 111.5 | 111.6 | 110.3 | 110.6 | -1.0 | -0.9 | 110.4 | 0.2 | 0.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,199.9 | 4,348.4 | 4,174.8 | 4,184.6 | 4,184.4 | -15.5 | -0.4 | 4,582.1 | -397.7 | -8.7 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,057.2 | 4,148.8 | 4,051.2 | 4,081.2 | 4,080.4 | 23.2 | 0.6 | 4,395.8 | -315.4 | -7.2 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,559.1** | **8,733.5** | **8,593.8** | **8,612.7** | **8,796.6** | **237.5** | **2.8** | **8,537.3** | **259.3** | **3.0** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,671.1 | 8,846.6 | 8,702.0 | 8,720.8 | 8,908.3 | 237.2 | 2.7 | 8,682.4 | 225.9 | 2.6 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -112.0 | -113.1 | -108.2 | -108.1 | -111.7 | 0.3 | -0.3 | -145.1 | 33.4 | -23.0 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **13,153.9** | **13,298.1** | **13,502.5** | **13,780.6** | **13,890.9** | **737.0** | **5.6** | **12,118.2** | **1,772.7** | **14.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,101.7 | 3,139.8 | 3,288.6 | 3,362.3 | 3,471.9 | 370.2 | 11.9 | 2,372.6 | 1,099.3 | 46.3 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 1,863.4 | 1,888.3 | 1,966.3 | 1,976.6 | 2,005.2 | 141.8 | 7.6 | 1,767.9 | 237.3 | 13.4 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,052.2 | 10,158.3 | 10,213.9 | 10,418.3 | 10,419.0 | 366.8 | 3.6 | 9,745.6 | 673.4 | 6.9 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,792.6 | 7,817.5 | 7,803.4 | 7,909.4 | 7,907.8 | 115.2 | 1.5 | 7,365.7 | 542.1 | 7.4 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,653.5** | **6,105.4** | **5,606.1** | **9,063.3** | **7,704.1** | **1,050.6** | **15.8** | **5,166.5** | **2,537.6** | **49.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 24,924.6 | 25,100.1 | 25,293.5 | 30,170.1 | 29,458.4 | 4,533.8 | 18.2 | 25,713.0 | 3,745.4 | 14.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,271.1 | 18,994.7 | 19,687.4 | 21,106.8 | 21,754.3 | 3,483.2 | 19.1 | 20,546.5 | 1,207.8 | 5.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **11,248.3** | **10,669.9** | **10,514.8** | **14,231.2** | **12,798.4** | **1,550.1** | **13.8** | **8,747.5** | **4,050.9** | **46.3** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 541.9 | 496.2 | 526.7 | 526.0 | 584.1 | 42.2 | 7.8 | 703.1 | -119.0 | -16.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,524.9 | 5,540.60 | 5,307.20 | 10,209.30 | 10,288.00 | 4,763.1 | 86.2 | 4,694.4 | 5,593.6 | 119.2 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 5,181.5 | 4,633.10 | 4,680.90 | 3,495.90 | 1,926.30 | -3,255.2 | -62.8 | 3,350.1 | -1,423.8 | -42.5 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.